

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Diċembru 2018 – Coveris Rigid France vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-531/15) <sup>(1)</sup>

**(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-imbalgġ għall-ikel maħsub għall-bejgħ bl-innut — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Princiġju ta' responsabbiltà personali — Assenza ta' kontinwità ekonomika — Ugwaljanza fit-trattament”)**

(2019/C 65/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Coveris Rigid France, li kienet Coveris Rigid (Auneau) France (Auneau, Franza) (rappreżentanti: H. Meyer-Lindemann, C. Graf York von Wartenburg u L. Stammwitz, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Biolan, F. Jimeno Fernández u L. Wildpanner, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 4336 final tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39563 – Ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-innut), sa fejn din tirrigwarda lir-rikorrenti.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Coveris Rigid France hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 406, 7.12.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Diċembru 2018 – Tomasz KawałkoTrofeum vs EUIPO – Ferrero (KINDERPRAMS)**

(Kawża T-115/18) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea KINDERPRAMS — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti Kinder — Raġuni relattiva għal rifjut — Possibbiltà ta' konfużjoni — Identikità jew xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)**

(2019/C 65/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrent:** Tomasz KawałkoTrofeum (Gdynia, il-Polonja) (rappreżentant: P. Moksa, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Bonne u H. O'Neill, aġenti)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:** Ferrero SpA (Alba, l-Italja) (rappreżentanti: F. Jacobacci u L. Ghedina, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Diċembru 2017 (Każ R 1112/2017-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ferrero u Tomasz KawałkoTrofeum.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Tomasz KawałkoTROFEUM huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 7.5.2018.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2018 – GM et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-539/16) <sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal — Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 — Tipi ta' impjiegi — Regoli tranżitorji dwar il-klassifikazzjoni fit-tipi ta' pożizzjonijiet — Artikolu 31 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Assistenti fi tranżizzjoni — Promozzjoni skont l-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal awtorizzata biss f'karriera li tikkorrispondi għat-tip ta' impjeg okkupat — Esklużjoni tal-uffiċjali AST 9 mill-proċedura ta' promozzjoni — Assenza ta' att li jikkawża preġudizzju — Att konfermattiv — Lis alibi pendens — Inammissibbiltà manifesta — Artikolu 129 tar-Regolamenti tal-Persunal — Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà — Artikolu 130 tar-Regolamenti tal-Persunal”)*

(2019/C 65/41)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: GM, GN, GO u GP (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u G. Gattinara, sussegwentement C. Berardis-Kayser u G. Gattinara u fl-aħħar nett, G. Berscheid u G. Gattinara, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li permezz tagħhom l-Awtorità tal-Ħatra ta' din l-istituzzjoni kklassifikat ir-rikorrenti fit-tip ta' impjeg “Assistent fi tranżizzjoni”, bil-konsegwenza tat-telf, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, tal-eligġibbiltà għall-promozzjoni tagħhom għal grad superjuri.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż relattivi tagħha u hija kkundannata tbatl nofs l-ispejjeż sostnuti minn GM, GN, GO u GP.
- 3) GM, GN, GO u GP għandhom ibatu nofs l-ispejjeż rispettivi tagħhom.
- 4) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet ta' intervent rispettivi tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 96, 23.3.2015 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-Numru F-16/15 u trasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).